

RETTIFIKA

Rettifika tas-Sejħa għal proposti għall-2018 — Programmi multipli — Għotjiet għal miżuri ta' għoti informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 9 tat-12 ta' Jannar 2018)

(2018/C 103/09)

Fil-paġna 33, Taqsima 3, "Skeda ta' żmien", l-ewwel sentenza:

minflok: "12 ta' April 2018",

aqra: "19 ta' April 2018".

Fil-paġna 33, Taqsima 3, "Skeda ta' żmien", fit-tabella:

minflok: "(d) Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet 12.4.2018",

aqra: "(d) Data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet 19.4.2018".

Fil-paġna 43, Taqsima 8.2, "Kapaċità operattiva", it-tielet paragrafu jitħassar.

Fil-paġna 44, Taqsima 9, "Kriterji tal-għoti", it-tieni paragrafu mill-aħħar, lista enumerattiva (a), (b) u (c):

minflok: "... il-kriterji li ġejjin.

- (a) it-total tal-ammont previst li jifdal għat-tliet suġġetti dwar is-suq intern għandu jiġi allokati għall-proġetti li jimmiraw is-suq intern bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mis-suġġetti li għalih applikaw;
- (b) għandu jittieħed l-istess approċċ għall-proposti mmirati lejn il-pajjiżi terzi (Suġġetti 4–6);
- (c) jekk l-ammont previst jibqa' ma jiġix eżawrit, l-ammonti li jifdal kemm għas-suq intern kif ukoll għall-pajjiżi terzi għandhom jingħaqdu u jiġu assenjati għall-proġetti bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mill-prijorità u mis-suġġetti li għalih ikunu applikaw.",

aqra: "... il-kriterju li ġej:

it-total tal-ammont previst li jifdal għall-erba' suġġetti għandu jingħaqad u jiġi allokati għall-proġetti bl-ogħla punteġġ tal-kwalità, irrispettivament mis-suġġetti li għalih applikaw.".

Fil-paġna 46, Taqsima 11.4, "Forom ta' finanzjament, spejjeż eliġibbli u mhux eliġibbli", taħt "Spejjeż eliġibbli", l-ewwel inċiż:

minflok: "L-ispejjeż eliġibbli (direttament u indirettament) huma indikati fil-ftehim tal-għotja (ara l-Artikolu 6, il-paragrafi 1, 2 u 3)",

aqra: "L-ispejjeż eliġibbli (direttament u indirettament) huma indikati fil-ftehim tal-għotja (ara l-Artikolu 6, il-paragrafi 1 u 2)".
